MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 896/1997/1

Alfred Abela
vs
Il-Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie ingustament imcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu, minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent dahal fil-Korp tal-Pulizija fl-10 ta' Marzu 1969 u fl-1975 sar Surgent. Fis-26 ta' Awissu 1976 wara li ghadda mill-ezamijiet ir-rikorrent gie promoss ghall-grad ta' Spettur, filwaqt li fl-20 ta' Jannar 1983 lahaq fir-rank ta' Supretendent.

Illi matul il-karriera tieghu fil-Pulizija, ir-rikorrent kellu esperjenza ta’ xoghol fid-Distretti u partikolarment fis-Sezzjoni tat-Traffiku u Licenzji fejn hadem ghal numru ta’ snin qabel sa Mejju 1987 u fejn ilu stazzjonat ininterrottament minn Novembru 1989 sa l-24 ta’ Gunju 1997 meta gie moghti l-promozzjoni ghall-Assistent Kummissarju.

Illi r-rikorrent dejjem wettaq id-doveri tieghu bl-akbar abbilta`, serjeta` u efficjenza ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri tieghu.  Barra minn hekk huwa dejjem kien dispost biex anke wara l-hin tax-xoghol u minghajr hlas, jaghti sehmu mill-ahjar li jista’, skond kif ikun mehtieg partikolarment fil-qasam tat-traffiku.

Illi f’dan ir-rigward, ir-rikorrent f’zewg okkazzjonijiet gie mibghut biex jirrapprezenta lil Malta f’konferenzi li saru fi Vjenna u Stresa.  Dan ghamlu b’success kbir.  Lokalment huwa ha sehem f’numru kbir ta’ sensieli ta’ programmi dwar ir-regolamenti tat-traffiku, kemm fuq stazzjonijiet tar-radju kif ukoll tat-television.  Huwa kien involut ukoll f’diskussjonijiet dwar diversi progetti ta’ bini u rrangar ta’ toroq.  Hawnhekk apparti li kien ikun responsabbli ghall-arrangamenti tat-traffiku waqt il-progetti, hu kien dejjem ta’ ghajnuna kbira ghat-teknici u periti, bil-pariri siewja tieghu.  Fost dawn il-progetti jissemmew il-By Pass ta’ Santa Venera u dik tal-Qroqq.

Illi r-rikorrent impenja ruhu wkoll billi ta lectures rigward ir-Regolamenti tat-Traffiku f’diversi azjendi bhad-Drydocks, it-TeleMalta u l-Enemalta kif wkoll f’diversi skejjel.  Dan ir-rikorrent dejjem ghamlu minghajr ebda hlas pero` biss ghas-sodisfazzjon li rnexxielu jghallem dawn ir-regolamenti lil diversi sezzjonijiet tal-pubbliku, ta’ eta` zghira kif ukoll anzjani.

Illi r-rikorrent kien membru tal-Bord ghall-Kontroll tat-Traffiku sal-24 ta’ Gunju 1997, u ghal dawn l-ahhar snin attenda numru kbir ta’ laqghat ta’ dan il-Bord. Huwa kien ukoll Chairman tal-Collisions Board dwar vetturi tal-Pulizija u membru f’Kumitat li qed jistjudja ligijiet godda

ghal “Off Road”, ghal xi zmien kien ukoll membru tat-“Traffic Island Committee”. Ix-xoghol tar-rikorrent jirrikjedi wkoll illi hu jiehu parti f’diversi laqghat ta’ kumitati fejn jirrigwardaw ir-regolamenti tat-traffiku apparti li kellu u jibqa’ jkollu hafna laqghat ma numru kbir ta’ Kunsilli Lokali.

Illi fiz-zmien precitat ir-rikorrent regolarment kien ikun responsabbli ghall-arrangamenti tat-traffiku ghal kull avveniment sportiv li jsir fit-toroq ta’ Malta per ezempju l-Malta Marathon, it-Tour ta’ Malta tar-Roti, tigrijiet tal-karrozzi u avvenimenti tal-atletika, fosthom numru ta’ events li jsiru regolarment mill-iskejjel ta’ l-istat kif ukoll privat. Ta min jghid illi r-rikorrent regolarment jircievi ittri ta’ ringrazzjament ghall-ghajnuna li jkun ta biex dawn l-avvenimenti jsiru b’success.

Illi r-rikorrent kien ikun ukoll responsabbli ghall-arrangamenti tat-traffiku kull meta jkollna zjarat Statali f’ Malta. Hawnhekk wiehed irid isemmi l-arrangamenti li saru ghall-laqgha bejn il-Presidenti Bush u Gorbachev, iz-zjara tar-Regina Elizabetta II, kif ukoll iz-zjara memborabbli tal-Qdusija Tieghu l-Papa. Zgur kulhadd japprezza illi dawn kollha kienu jehtiegu xoghol kbir mis-sezzjoni tat-traffiku u l-fatt li l-arrangamenti li saru kienu success kien dovut ghall-ippjanar serju, kapacita` u hidma intensiva tar-rikorrent.

Illi fuq kollox, matul il-karriera tieghu ta’ kwazi 28 sena fil-Pulizija, ir-rikorrent qatt ma gie rrapurtat fuq xi haga kontra l-ligijiet ta’ Malta jew tal-Pulizija. Huwa qatt ma tressaq il-Qorti u lanqas qatt tressaq quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Mhux talli hekk, talli f’Lulju 1995 ir-rikorrent gie moghti il-midalja tas-servizz twil u efficjenti.

Illi minkejja li dejjem wettaq id-dmirijiet tieghu bl-akbar hila u efficjenza, ir-rikorrent sofra ingustizzja meta ma nghatax promozzjoni/promozzjonijiet li kien jisthoqqlu.

Illi skond l-Istaff List, f’Novembru 1988 meta saru promozzjonijiet, ir-rikorrent kien imissu jilhaq Assistent Kummissarju. Madankollu, ghal xi raguni hu ma giex

promoss u din il-kariga nghatat lil persuna ohra li r-rikorrent kien senior tieghu skond l-Istaff List.

Illi ftit wara, persuni ohra li sahansitra kienu telqu mill-Korp tal-Pulizija u regghu dahlu gew promossi ghar-rank ta' Assistent Kummissarju u Kummissarju, filwaqt illi r-rikorrent ghal darb'ohra rega' nqabez u baqa fil-grad ta' Supretendent.
Illi f'Settembru 1996 ftit qabel l-Elezzjoni Generali, regghu saru promozzjonijiet fir-ranks ta' Assistent Kummissarju u Deputat Kummissarju. L-erba' persuni promossi kollha kienu saru Supretendenti wara r-rikorrent, li kien ilu mill-20 ta' Jannar 1983 f'dan il-grad. Ghalhekk r-rikorrent rega' gie mcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu, filwaqt li gew promossi persuni ohra li ma kellhomx seniority daqsu.

Illi ghalhekk, minghajr ebda raguni valida, ir-rikorrent gie mtellef mis-seniority li kellu u gie maqbuz minn persuni li kellhom anqas servizz minnu. B' konsegwenza persuni li kienu "juniors' tar-rikorrent gew promossi ghall-grad oghla, b'detriment kbir ghall-karriera tar-rikorrent.

Illi ma kien hemm l-ebda raguni valida ghaliex dan kellu jigri, peress illi r-rikorrent dak iz-zmien kien ilu jokkupa l-kariga ta' Supretendent ghal tlettax-il sena u nofs u dejjem qeda d-dmirijiet tieghu bl-akbar abbilta` u efficjenza.

Illi inoltre qabel l-ahhar Elezzjoni Generali r-rikorrent kien gie mghajjat ghand il-Kummissarju u dana nfurmah illi hu kien ser jinghata hamsa fil-mija biss tal-Performance Agreement.

Ir-rikorrent ma setax jaccetta dan, peress illi matul l-1995 huwa kien wettaq xoghlu bl-akbar efficjenza u fl-opinjoni tieghu ma kien hemm ebda raguni li ghaliha hu ma kellux jinghata l-massimu tal-Performance Agreement. Fil-fatt ir-rikorrent ma ffirmax u ghamel appell quddiem is-Segretarju Permanenti, skond il-prattika.
Illi barra minn hekk fil-21 t'Ottubru 1996, ir-rikorrent irrefera l-kaz tieghu dwar il-promozzjoni, lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

Illi r-rikorrent baqa' ma nghata ebda raguni valida ghat-trattament hazin u ingustizzja li sofra, anzi hass illi kull ma gara x'aktarx kien ghal mottivi politici.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li saret kontrieh, ir-rikorrent sofra tbatija morali, ansjeta` u tensjoni, apparti li sofra telf finanzjarju konsistenti fl-awment fil-paga relattiva ghall-grad li kien jisthoqqlu jigi promoss fih. Barra minn hekk, il-fatt li ma nghatax il-promozzjoni/promozzjonijiet li kien jisthoqqlu, fiz-zmien li kien haqqu jiehu tali promozzjoni/promozzjonijiet, kellu effett negattiv fuq il-karriera tar-rikorrent billi, apparti li ma giex promoss hu, gie maqbuz minn kollegi u anke juniors tieghu li issa gew superjuri tieghu.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu r-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jghogbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-197 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u:

(1) jordna illi r-rikorrent jinghata kumpens ghat-tbatija morali, ansjeta` u tensjoni li sofra b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra meta ma nghatax il-promozzjoni/promozzjonijiet li kien jisthoqqlu, kif spjegat fir-rikors;

(2) jinghata l-promozzjoni/promozzjonijiet li jisthoqqlu b'effett retroattiv miz-zmien li kien haqqu jinghata tali promozzjoni/promozzjonijiet;

(3) jithallas l-arretrati kollha ta' paga u allowances applikabbli;

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-LM5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante li l-hatriet fil-Korp tal-Pulizija ma jsirux esklussivament mill-intimat izda wkoll mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku skond il-mansjonijiet kostituzzjonali taghha.

Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu jinghad li r-rikorrent gie ngaggat fil-Korp tal-Pulizija fir-rank ta' Kuntistabbli fl-10 ta' Marzu 1969.

Illi r-rikorrent gie promoss ghar-rank ta' Surgent tat-tielet klassi f'effett mit-23 ta' Novembru 1975.

Illi r-rikorrent gie appuntat Spettur tal-Pulizija b'effett mis-26 ta' Awissu 1976.

Illi r-rikorrent gie appuntat Supretendent tal-Pulizija b'effett mill-20 ta' Jannar 1983.

Illi r-rikorrent gie Commissioned fir-rank ta' Kaptan mal-Forzi Armati ta' Malta b'effett mill-1 ta' April 1980.

Illi r-rikorrent gie appuntat Suprentendent tal-Pulizija b'effett mill-20 ta' Jannar 1984.

Illi r-rikorrent gie promoss Assistent Kummissarju b' effett mill-25 ta' Gunju 1997.

Illi stante li l-hatriet fil-karigi gholjin fil-Korp tal-Pulizija mhumiex regolati minn kriterji ta’ anzjanita` biss, dak li hu allegat fir-rikors promotur ma jammontax ut sic ghal prova ta’ preferenza jew eskluzjoni indebita.

Illi l-intimat irriserva li jwiegeb aktar fid-dettal meta jistemghu x-xhieda tal-persuni koncernati fid-decizjonijiet lamentati peress li l-intimat ma kienx fil-kariga fiz-zmien rilevanti.

Illi dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi dwar il-promozzjonijiet ta’ l-1996.

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li hu sar Surgent f’Novembru 1975 u sar Spettur fl-1976. Semma li kien jahdem fis-Sezzjoni tat-Traffiku, fil-Garaxx tal-Pulizija, Fire Section, Trade Section, Licenzji tal-Vetturi, ilahhaq Traffic Sittings u Collision Sittings, mar il-Mobile Squad, xi distretti u fl-1983 lahaq Supretendent. Gie mqieghed Supretendent tat-traffiku ghalkemm is-sistema kienet li l-ahhar Supretendent imur Ghawdex. Kien ipprepara numru ta’ programmi fuq it-television kif ukoll ta diversi lectures kif ukoll fl-Akkademja tal-Pulizija. Semma li fl-1984 il-Gvern kien baghatu Poole, Sussex, fl-Ingilterra biex jiehu valwazzjoni tat-taxi metres u fl-istess sena ntbaghat Vjenna wkoll jirraprezenta l-Gvern dwar ‘road safety’. Qal li anki fl-1992 il-Kummissarju ta’ dak iz-zmien Alfred Calleja kien talbu jirrapprezenta lil Malta f’kungress

iehor fl-Italja.  Spjega wkoll li kemm dam fit-traffic branch kien ha hsieb l-arrangamenti kollha tat-traffiku fejn kien jirrigwardja l-iktar avvenimenti importanti.  .  Semma li tul il-karriera tieghu ta’ 31 sena fil-Korp tal-Pulizija qatt ma gie rappurtat fuq xi haga kontra l-Ligijiet ta’ Malta jew tressaq il-Qorti jew tressaq quddiem il-Kummissjoni ghas-servizz Pubbliku, anzi f’Lulju 1995 gie moghti l-midalja tas-servizz twil u efficjenti.

Ilmenta li skond l-istaff list f’Novembru 1988 meta saru l-promozzjonijiet hu kien imissu jilhaq Assistent Kummissarju.  Qal li hu nqabez u minflok kien lahaq Joseph Psaila.  Spjega li ftit wara sar Assistant Kummissarju Joseph C. Gauci li kien telaq mill-Korp u mbaghad xi sentejn wara sar Assistent Kummissarju.  Semma li Alfred Calleja wkoll kien telaq mill-korp u rega’dahal lura fil-korp mal-bidla fil-Gvern u sar Kummissarju.  Qa li l-ilment tieghu hu fuq seniority.  Zied ighid li meta kien ghamel zmien twil bis-sick leave minhabba saqajh kien jghidilhom biex jehdulu x-xoghol id-dar.

Xehed Maurice Borg li spicca fil-kariga ta’ Assistent Kummissarju u qal li lir-rikorrent jafu bhala subaltern tieghu.  Qal li hu lahaq Assistent Kummissarju f’Settembru 1988 filwaqt li r-rikorrent kien Supretendent tas-Sliema bejn Mejju 1987 u Novembru 1989.  Qal li f’dan iz-zmien ukoll kien jaqa’ direttament tahtu.  Qal li r-rikorrent dejjem ghamel xoghlu sew b’reqqa u efficjenza.  Qal li r-rikorrent kien ha sehem f’diversi konferenzi anki barra minn Malta u kien jaghmel lectures fl-Akkademja u kien jaghmel talks fuq ir-radju u fuq it-television.  Qal li r-relazzjonijiet li kellu r-rikorrent man-nies ta’ tahtu u mas-superjuri tieghu kienu tajbin.  Zied ighid li biex tilhaq Assistent Kummissarju l-kriterji huma l-efficjenza, is-servizz u l-karattru tal-individwu.  Spjega li servizz ifisser ukoll numru ta’ snin izda qal li l-efficjenza hi kriterju li dejjem giet uzata qabel is-seniority.  Qal li d-decizjoni tittiehed mill-Kummissarju izda l-Kummissarju jaghmel ukoll rapport lill-PSC.

Xehed is-Supretendent Ronald Kelly rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija li esebixxa cirkolari 69/90 a fol 40

tal-process. Qal li ma jirrizultax li qatt ittiehdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent. Qal ukoll li r-rikorrent dahal fil-korp tal-Pulizija f'Marzu 1969. Esebixxa wkoll dokument a fol 41 tal-process li juri l-postings kollha tar-rikorrent. Zied ighid li Joseph Psaila kien dahal bhala Kuntistabbli fit-22 ta' Dicembru 1969. Qal li fis-7 ta' Dicembru 1976 gie appuntat Spettur u fl-24 ta' Gunju 1985 gie appuntat Supretendent u fl-1 ta' Settembru 1988 gie promoss fir-rank ta' Assistent Kummissarju. Qal li qabel gie promoss ghal fizzjal kien ghamel xoghol distrettwali kif ukoll xoghol fis-security branch duties. Wara dan kien ghamel zmien qasir fit-traffic u CID duties u mbaghad gie promoss ghal Assistent Kummissarju.

Semma wkoll li Joe Gauci dahal fil-Korp tal-Pulizija fl-10 ta' Jannar 1955 u fit-22 ta' Novembru 1961 gie promoss ghal Surgent filwaqt li fit-30 ta' April 1964 gie mahtur Spettur, u fil-5 ta' Mejju 1980 rtira bil-pensjoni. Kompla ighid li fit-2 ta' Lulju 1987 hu gie re-instated fil-Korp tal-Pulizija, fit-13 ta' Awissu 1987 gie promoss ghar-rank ta' Superintenent u fil-15 ta' Frar 1990 gie promoss ghar-rank ta' Assistent Kummissarju. Spjega li x-xoghol li ghamel qabel lahaq fizzjal kien xoghol distrettwali u ta' CID, kien ghamel xoghol fit-traffiku u fl-amministrazzjoni.

Dwar Alfred Calleja qal li dahal fil-Korp tal-Pulizija fit-2 ta' Gunju 1960 u fit-2 ta' Gunju 1964 gie promoss ghal Surgent filwaqt li fit-28 ta' Awissu 1965 kien appuntat Sub Inspector. Zied ighid li fit-28 ta' Awissu 1968 gie appuntat Spettur u fil-11 ta' Dicembru 1980 rtira on medical grounds. Qal li fid-19 ta' Mejju 1987 gie re-instated fil-Korp tal-Pulizja bhala Spettur. Fl-20 ta' Mejju 1987 gie appuntat Supretendent u fl-4 ta' April 1988 gie appuntat Kummissarju. Semma li x-xoghol li kien ghamel qabel lahaq fizzjal kien xoghol distrettwali, xoghol fis-CID u Immigration Duties.

Dwar il-hatra ta' Assistent Kummissarju l-Kummissarju jaghmel ir-rapport lill-PSC u meta ssir l-approvazzjoni tal-PSC isiru l-hatriet. Qal ukoll li meta l-Kummissarju jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-PSC jispecifika ghaliex

qed jirrakomanda persuna u jaghti r-ragunijiet ghaliex certu nies ikun qed jaqbizhom.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent qieghed jilmenta li ma giex moghti l-promozzjoni ghal Assistent Kummissarju fl-1988 u nqabez minn Joe Psaila, fl-1990 u nqabez minn Joe Gauci, u bhala Kummissarju minn Alfred Calleja kif ukoll rega' nqabez fl-1996. Kull wahda minn dawn trid tigi analizzata separatament izda l-ewwel it-Tribunal sejjer jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed janalizza l-promozzjonijiet tal-1988 wiehed josserva li dak iz-zmien by seniority kien hemm is-Supretendenti Maurice Borg, Guido Muscat, George Grech, Carmel Bonello, John Sciberras, Joseph Rizzo, Nicholas Cutajar, Alfred Abela, Joseph Psaila u ohrajn. Fil-fatt kienu lahqu Maurice Borg, George Grech, Nicholas Cutajar u Joseph Psaila. Ir-rikorrent jilmenta li hu ma sarx, specjalment li nqabez. Dan ifisser li r-rikorrent ihoss li hu m' ghandux jinqabez izda bl-istess mod ihoss li hu jista' jaqbez lil haddiehor ghax ghalkemm kien fit-tmien pozizzjoni u kien hemm erba' pozizzjonijiet vakanti hass li ghandu jsir. Irrizulta li r-rikorrent huwa persuna kapaci u efficjenti u li ghandu servizz twil fil-korp u li qatt ma kellu rapporti negattivi kontra tieghu u ghalhekk taht dan l-aspett certament huwa rakkomandabbli. Ir-raguni ghaliex inqabez tinstab fl-ittra tas-16 ta' Awissu 1988 a fol 112 et

tal-process liema ittra kienet iffirmata mill-Kummissarju ta' dak iz-zmien Alfred Calleja. Fl-imsemmija ittra jinghataw ir-ragunijiet ghaliex kienu rakkomandati l-persuni li fil-fatt lahqu u ghaliex kellhom jinqabzu l-ohrajn. Li ntqal fuq ir-rikorrent huwa li "Superintendant Abela lacks initiative and is hesitant in decision making." Ta min isemmi li fl-ittra a fol 116 iffirmata mill-Agent Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi datata 7 ta' Jannar 1990 riferibbilment ghall-promozzjonijiet tal-1990 fir-rigward tar-rikorrent jinghad "his remarks still hold good" u dan ifisser li zewg ufficjali gholja tal-Korp tal-Pulizija hassew applikabbli l-istess elementi fil-konfront tar-rikrorent. Jinghad li Joe Psaila li qabez lir-rikorrent sar Pulizija 9 xhur biss wara r-rikorrent, Spettur sena u tliet xhur wara r-rikorrent u Supretendent sena u nofs wara. Fil-fehma tat-Tribunal dan mhuwiex sufficjenti biex it-tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent fil-promozzjonijiet tal-1988.

Dwar il-hatra ta' Joseph Gauci fl-1990 jinghad li hawn wiehed irid joqghod attent dwar is-seniority ghax ghalkemm huwa veru li bhala Supretendent ir-rikorrent kien lahaq erba' snin qabel Joseph Gauci fil-Korp Gauci kien dahal fl-10 ta' Jannar 1955, sar Surgent fl-1961, u kien Spettur fl-1964 u cioe` hames snin qabel ma r-rikorrent stess dahal fil-Korp bhala Pulizija. Gauci ghamel 7 snin barra izda certament li dawn huma elementi li jpogguhom komparabbli u ghalhekk meta wiehed jezamina dak li ntqal fl-ittra tad-9 ta' Jannar 1990 fejn gie preferut Gauci ghal Abela ma hux censurabbli minn dan it-Tribunal.

Dwar il-promozzjoni ta' Alfred Calleja ghal Kummissarju meta r-rikorrent lahaq Supretendent 4 snin qabel Calleja jinghad hawn ukoll li Calleja kien dahal fil-Korp fl-1960 u sar Spettur fl-1965, 4 snin qabel ma Abela dahal fil-Korp. Ghamel 7 snin barra pero` bl-istess kriterju t-Tribunal ihoss li certament li huma kienu komparabbli u ma jistax isib l-element ta' ingustizzja meta l-hatra nghatat lil Calleja.

Jifdal li t-Tribunal jezamina l-aspett l-iehor u cioe` tal-1996 imsemmija mir-rikorrent, izda hawnhekk l-Artikolu 5(4)

jaghmilha cara li l-Att ma japplikax ghal ebda att jew ommissjoni li graw wara l-15 ta’ Mejju 1995 u ghalhekk jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis***. Ghal din ir-raguni wkoll ma jistax jilqa’ l-ilment tar-rikorrent.  Ghalhekk jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------